MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 1224/2008

**Chemoil Monde Export S.A.M., socjeta' estera registrata f'Montecarlo, Monaco, rapprezentata lokalment mill-mandatarju specjali taghha l-Avukat Dottor Carmel Chircop.**

**vs**

**Husky Marine Co. Ltd.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-10 ta' Dicembru 2008 li jghid hekk:-

"1. Illi s-socjeta' intimata hija proprjetarja tal-vapur m.v. BALTIC SNOW registrat hawn Malta bin-numru ufficcjali 7538.

2. Illi s-socjeta’ esponenti hija kreditrici tas-socjeta’ intimata ghall-ammont ta’ erba’ mija u sitta u tletin elf u tmien mitt Dollari Amerikani (USD436,800) ghall-provvista ta’ *bunkers* skond l-anessa fattura Dok. A u *bunker receipts* Dok. B u Dok. C rispettivament, *oltre* imghaxijiet u spejjez ohra.

3. Illi l-kreditu tas-socjeta’ rikorrenti jaqa’ taht is-subartikolu (10) (iv) u/jew (v) ta’ l-Artikolu 37 ta’ l-Att dwar il-Bastiment Merkantili, Kapitolu 234.

4. Illi a tenur ta’ l-Artikolu 37 tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta’ Malta dina l-Onorabbli Qorti tista’ tipprojbixxi kull negozju dwar bastiment jew sehem fih.

5. Illi r-rapprezentanti tas-socjeta’ rikorrenti kkomunikaw mas-socjeta’ ntimata dwar din il-kwistjoni izda minghajr success.

6. Illi sa fejn jaf ir-rikorrent *nomine* l-assi tas-socjeta’ intimata huwa l-vapur m.v. BALTIC SNOW registrat hawn Malta, u jekk is-socjeta’ tbiegh jew titrasferixxi mod iehor dan il-vapur, il-kreditu tas-socjeta’ rikorrenti jigi eluz.

Illi jghidu l-intimati *nomine* ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

(i) Tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment m.v. BALTIC SNOW u fir-rigward ta’ kull sehem fl-istess bastiment kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati *mortgages* fuq l-istess bastiment u r-registru tieghu u lanqas jinhareg *deletion certificate* u dan taht dawk il-kundizzjonijiet u pattijiet li jidhrilha xierqa u opportuni u skond l-Artikolu 37 tal-Kap.234 tal-Ligijiet ta’ Malta.

(ii) Tordna li kull ordni maghmula minn din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lir-Registratur tal-Bastiment Merkantili u tal-Bahrin a tenur ta’ l-istess Artikolu 37 tal-Kapitolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata li tibqa' ngunta minn issa ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici flimkien ma' erba' (4) dokumenti mmarkati minn Dok. A sa Dok. D kienu annessi maghha;

Rat li r-rikors mahluf kien debitament notifikat lis-socjeta' konvenuta flimkien mal-avviz tal-ewwel dehra tal-kawza fit-18 ta' Dicembru 2008 (*tergo* ta' *fol*. 10 tal-process);

Rat li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentat ebda risposta mahlufa fit-terminu stabbilit mil-ligi, kif ikkonfermat l-istess avukat tas-socjeta' konvenuta fl-udjenza tal-kawza tad-19 ta' Frar 2009 (*fol*. 21 tal-process);

Semghet lill-attur *nomine* jikkonferma bil-gurament tieghu fl-udjenza tas-26 ta' Frar 2009 li mid-data tal-prezentata tar-rikors mahluf sa dakinhar, ma kien inbidel xejn fil-pretensjoni attrici. Mill-istess xhud u *del resto* minn provi ohra ma rrizultax jekk is-socjeta' attrici kinitx attwalment intavolat azzjoni sabiex tirkupra l-kreditu taghha kontra s-socjeta' konvenuta;

Rat li fl-udjenza tas-26 ta' Frar 2009 deher biss l-Avukat Dr. Carmel Chircop;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Ottubru 2002 li bih il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawza maghmula taht l-Artikolu 37 tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta, biex biha jintalab li l-Qorti tordna li jinzamm kull negozju dwar bastiment merkantili bl-isem ta' m.v. Baltic Snow registrat taht il-bandiera Maltija u proprjeta' tas-socjeta' konvenuta, li l-attur *nomine* jghid li ghandu kreditu kontra s-sidien tieghu rapprezentanti spejjez ghall-provvista ta' *bunkers* skond il-fattura Dok. A u l-*bunker receipts* Dok. B u Dok. C *oltre* imghaxijiet u spejjez ohra.

Illi mil-kliem tal-ligi stess, azzjoni taht l-Artikolu 37 tal-Kap. 234 sservi biex, bi smigh sommarju, tqiegħed fiz-zgur il-qaghda ta' kreditur dwar bastiment sakemm iressaq il-pretensjonijiet tieghu kontra d-debitur (li jista' jkun il-bastiment innifsu jew is-sidien tieghu) fi proceduri xierqa quddiem il-Qorti jew Tribunal kompetenti u jwassalhom fi tmiemhom. Dak l-ordni jista' jinghata kemm dwar il-bastiment u kif ukoll dwar sehem fih;

Illi l-imsemmija procedura tal-Artikolu 37 hija mahsuba li titwettaq fuq bazi ta' prova *prima facie*, li jimplika li ghandu jsir smigh u li l-Qorti tistharreg dwar il-kreditu pretiz u jekk dan huwiex xieraq;

Illi, f'dan il-kaz, il-provi dwar il-kreditu pretiz mill-kumpanija barranija attrici kienu maghmula b'dokumenti, li kienu konfermati bil-gurament mill-attur *nomine*;

Illi ghalhekk, ghal dak li jirrigwarda l-ammissibilita' tal-provi mressqa, din il-Qorti ma ssib xejn xi jhassibha dwar l-awtenticita' taghhom u qieghda tghoddhom bhala ammissibbli u, fuq kollox, ta' min joqghod fuqhom ukoll dwar dak li jinghad fihom;

Illi l-attur *nomine* jixhed li l-bastiment li tieghu qieghed jitlob li jinhareg l-ordni taht l-Artikolu 37 huwa wiehed li jtajjar il-bandiera Maltija, bin-numru ufficcjali 7538. Zied jghid li l-bastiment milqut bit-talbiet tieghu f'din il-kawza huwa proprjeta' tal-kumpanija konvenuta u li z-zamma tat-trasferiment tieghu jew ta' xi sehem minnu hija l-garanzija li l-kreditu li qieghed jippretendi l-hlas tieghu minghand il-kumpanija konvenuta fil-fatt ikun jista' jingabar;

Illi l-Qorti hija marbuta li, f'kaz li tilqa' t-talba tal-kreditur ghall-hrug tal-ordni, dan ghandu jsir ghal zmien limitat li ma jaqbizx sena skond l-Artikolu 37 (1) tal-Kap. 234;

Illi l-kumpanija attrici tghid li ghandha kreditu kontra s-sidien tal-bastiment u ssemmi l-ammont. Skond l-Artikolu 37 (2) tal-Kap. 234 dan huwa bizzejjed daqs kemm huwa essenzjali ghas-siwi tal-procedura, u mhux mehtieg li ssir

il-prova ta’ dak il-kreditu, daqs li kieku biex tinghata sentenza li tikkanonizza l-istess kreditu. Huwa bizzejjed li titressaq prova *prima facie* li l-kreditu jezisti. U din il-prova saret ghas-sodisfazzjon ta’ din il-Qorti;

Illi min-naha taghha, l-kumpanija konvenuta mhux biss baqghet kontumaci izda lanqas talbet li tressaq sottomissjonijiet bil-fomm jew bil-miktub qabel din il-Qorti tiddifferixxi l-kawza ghas-sentenza;

Illi t-talbiet tas-socjeta’ attrici kif dedotti f’din il-kawza gew ippruvati b’mod sodisfacenti sal-grad rikjest mill-ligi;

Ghalhekk din il-Qorti qieghda tiddeciedi l-kawza billi:-

**Tilqa’ l-ewwel talba attrici u tordna li ghal zmien sitt (6) xhur mil-lum ma jsir ebda negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment m.v. BALTIC SNOW u fir-rigward ta’ kull sehem fl-istess bastiment kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati *mortgages* fuq l-istess bastiment u r-registru tieghu u lanqas ma jinhareg *deletion certificate*.**

**Tilqa’ t-tieni talba u tordna n-notifika minnufih ta’ dan l-ordni, a kura tal-attur *nomine*, lir-Registratur tal-Bastimenti merkantili u tal-Bahrin.**

**Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha tal-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------